20 ta' Jannar, 1950

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

George Portanier et. *versus* Carmelo Abela et.

**Konkorrenza Sleali — "Trade Mark" — Imitazzjoni.**

***F'materja ta' imitazzjoni ta' tikketti jew marki oħra distintivi tal-kummerċ għandu jiġi eżaminat, biex jiġi stabbilit jekk l-imitazzjoni tagħhom tammonta għal konkorrenza illeċita, jekk bejn iż-żewġ tikketti hemmx imitazzjoni tali li l-ġeneru tal-wieħed jista' jiġi konfuż ma' dak ta' l-ieħor, u jekk hix meħtieġa ispezzjoni aktar akkurata tat-tikketta minn dik li ordinarjament issir mill-konsumaturi biex tingħaraf id-differenza bejn iż-żewġ tikketti.***

***L-imitazzjoni trid tkun tali li tista' tinganna l-ġeneralità tal-konsumaturi dwar in-natura tal-prodotti; u biex ikun hemm l-użurpazzjoni hija biżżejjed il-possibilità tal-konfużjoni bejn iż-żewġ prodotti; b'mod li l-imitazzjoni ma hemmx bżonn li tkun perfetta, imma huwa biżżejjed li tista' tinganna l-ġeneralità tal-konsumaturi u tikkrea konfużjoni fl-ispaċċ tal-ġeneru munit bil-markju imitat.***

***Fil-każ ġie ritenut li bejn iż-żewġ tikketti kien hemm differenza tali li kienet teskludi l-konkorrenza sleali.***

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ, fejn l-atturi, wara li qalu li huma jiffabrikaw ilma minerali, fosthom luminata, li huma jispaċċaw u joħorġu fuq is-suq bit-tikketta bħal dik li qegħda tiġi eżibita mat-taħrika bħala dokument "A", liema tikketta tinsab regolarment reġistrata (Trade Mark No. 2779 maħruġ fis-16 ta' Awissu 1933) u mġedda regolarment; u li l-konvenuti jiffabbrikaw ukoll minn żmien il-hawn ilma minerali, fosthom ukoll luminata, li l-lum qegħdin jispaċċaw u joħorġu fuq is-suq bit-tikketta bħal dik li qegħda tiġi eżibita bħala dokument "B", fil-waqt li qabel kienu ju-

żaw tikketta differenti, jiġifieri bħal dawk eżibiti bħala dokumenti "C" u "D"; u illi l-iskop tal-konvenuti li joħorġu t-tikketta tal-lum huwa evidentement dak li japprofittaw mill-isem tal-prodotti tagħhom b'dannu ta' l-istess, minħabba l-konfużjoni li tirriżulta mis-somiljanza li hemm bejn iż-żewġ tikketti; infatti l-għamla tat-tikketta, karattri tal-kliem, u dispożizzjoni ta' l-istess madwar il-figura ċentrali rotonda, u l-kulur tat-tikketta, juru imitazzjoni tat-tikketta tagħhom; u li l-konvenuti, debitament interpellati minnhom biex ma jibqgħux jużaw it-tikketta li ħarġu l-aħħar (dok. "B" maċ-ċitazzjoni), irrespinġew dina l-interpellazzjoni; talbu li, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti meħtieġa — qabel, jekk hemm bżonn, id-dikjarazzjoni li t-tikketta tal-konvenuti in kwistjoni tikkostitwixxi imitazzjoni taħt ta' dik ta' l-instanti li tirrendi faċili t-tfixkil tal-prodotti rispettivi tal-kontendenti, u għalhekk huma, bħala dawk li ntroduċew it-tikketta tagħhom qabel il-konvenuti u ottenew ir-reġistrazzoni tagħha, għandhom id-dritt, bħala tutela u garanzija tal-kummerċ tagħhom u l-marka li biha jeżerċitaw l-istess kummerċ, li l-konvenuti ma jibqgħux jużaw it-tikketta fuq imsemmija (skond id-dokument "B" unit maċ-ċitazzjoni); u huma wkoll jiġu kundannati li jirtiraw mis-suq il-kwantità ta' luminata ġà maħruġa bl-istess tikketta; u li jiddistruġġu t-tikketti li għandhom lesti għall-użu u dak li jservi għal dan l-oġġett. B'riżerva ta' drittijiet oħra skond il-liġi favur tagħhom u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest tat-22 ta' Lulju 1948;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fl-20 ta' Mejju 1949, li biha ġew miċħuda t-talbiet, bl-ispejjeż kontra l-atturi; wara li kkunsidrat;

Illi mill-konfront taż-żewġ tikketti tal-partijiet (dok. "A" u "B") jidher ċar li mhix possibili l-konfużjoni u t-tfixkil tagħhom għal min ikollu għajnejh miftuħa u jkun f'sensieh. U tabilħaqq, għalkemm jixxiebah ftit il-lewn, huwa differenti, għax l-aħdar tat-tikketta ta' l-atturi huwa mitfi u dak tat-tikketta tal-konvenuti huwa jgħajjat. Il-għamla tat-tikketti hija wkoll differenti, għalkemm it-tnejn huma tawwalin u speċi ta' ovali; iżda dik tal-konvenuti fiha żewġ ponot. Id-disinn huwa wkoll differenti, għax it-tikketta ta' l-atturi fiha l-figura ta' San Ġorġ

fuq iż-żiemel, u dik tal-konvenuti fiha qanpiena, u għalhekk ma jistax ikun hemm konfużjoni u tfixkil. Għax il-figura ta' San Ġorġ hija wisq magħrufa u mill-ewwel tolqot il-għajn, u ma tistax tiġi mfixkla ma' qanpiena, li hija distingwibili anki mill-bogħod. L-isem imbagħad fuq it-tikketta huwa differenti talment, speċjalment kif miktub, li ebda periklu ma hemm ta' konfużjoni. Anki l-kliem ta' madwar it-tondjatura tan-nofs huma differenti, b'tipi differenti. Id-dokumenti eżibiti fil-fol. 86 tal-proċess huma kopja ta' tikketti magħmulin bl-idejn u mpinġijin b'lewn identiku, u ma jikkorrispondux għall-lwien tat-tikketti stampati. Il-lewn ma hux reġistrabili: u għalhekk il-ftit xebh tal-lwien taż-żewġ tikketti ma jirrendix l-użu tat-tikketta tal-konvenuti abbuż u att ta' konkorrenza sleali u vjolazzjoni tal-markju ta' l-atturi;

Fl-aħħarnett, lanqas ma ġie ppruvat sodisfaċentement li nies tal-ħwienet u konsumaturi tal-luminata ġew imqarrqin bix-xebh taż-żewġ tikketti u ħadu l-waħda bl-oħra;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-atturi, u rat il-petizzjoni tagħhom fejn talbu li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u jiġu akkolti t-talbiet tagħhom; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi fil-każi bħal dak in kwistjoni, skond ma jgħid is-Sebastian (Law of Trade Marks, 5th. Edition, London, 1911, page 142), għandu jiġi eżaminat "whether what the defendant has done is calculated to deceive, whether there is so much imitation that goods bearing the one mark may be readily mistaken for goods bearing the other, and whether a more careful inspection than an ordinary purchaser would be likely to give is necessary to distinguish the mark and appearance of the former goods from those of the latter". Fl-eżami taċ-ċirkustanzi fuq elenkati din il-Qorti f'diversi sentenzi tat id-direttivi meħtieġa biex il-ġudikant jista' jasal għas-soluzzjoni tal-kwistjoni miġjuba quddiemu. Infatti, fil-kawża "Page vs. Tanti Bellotti", maqtugħa fil-15 ta' Marzu 1905 (Kollez. Vol. XIX—I—80) ġie stabbilit li "a costituire la fraudolenta imitazione di un marchio di fabbrica contemplata dalla nostra legge, non è necessaria la imitazione perfetta d'un marchio legalmente usato

da altri, ma basta che tale imitazione sia tale da poter trarre in inganno la generalità dei compratori. L'attitudine del marchio imitato a trarre in inganno sulla natura dei prodotti è l'elemento richiesto dalla legge per stabilire la contraffazione, e basta la possibilità della confusione fra due marchi perchè vi sia usurpazione";

B'sentenza oħra tas-27 ta' Novembru 1924 in re "Pulis vs. Tabone" (Kollez. Vol. XXV—I—287), din il-Qorti rrilevat li "in materia di concorrenza illecita per confusione il giudicante non deve badare alle differenze nei segni rilevabili da un acquirente diligentissimo, ma alle somiglianze atte a trarre in inganno un acquirente di media intelligenza". U fis-6 ta' Ottubru 1930, fil-kawża "Fleri vs. Vincenti" (Kollez. Vol. XXVII —I—947), din il-Qorti rribadiet li "a costituire la imitazione del marchio, e quindi la illecita concorrenza, non è necessaria una imitazione perfetta di un marchio legalmente usato da altri, ma basta che lo stesso sia atto a trarre in inganno la generalità dei compratori e a creare una confusione nello spaccio della merce munita del marchio debitamente registrato";

Ikkunsidrat;

Illi fis-sentenza appellata tinsab deskrizzjoni minuta tattikketti rispettivi tal-kontendenti u tad-differenzi ta' bejniethom, u ma jidherx li hemm bżonn li tiġi ripetuta dik id-deskrizzjoni, billi għaliha qiegħda ssir riferenza, kif ukoll qiegħda tiġi adottata. Mill-eżami tad-dottrina u ġurisprudenza fuq ċitata, u mill-konfront tat-tikketti fuq imsemmijin, il-Qorti waslet għall-konklużjoni li mhix possibili l-konfużjoni pretiża mill-appellanti. Infatti, mid-differenzi minn tikketta għall-oħra ma jidherx li jistgħu jiġu mibdulin, jew li l-kumpraturi ta' intelliġenza ordinarja jistgħu jiġu mqarrqin. Fi kliem ieħor, ma jidherx li biex jiġi evitat it-tibdil u l-konsegwenti konfużjoni hija meħtieġa "a more careful inspection than an ordinary purchaser would be likely to give";

Fil-kawża "Thorne & Co. Ltd. v. Sandow" 1912, 29 R. P.C. 453, Neville J. qal :— "You ought not to consider what mistakes merely ignorant and careless people may make; it is far more important that fair and honest trading should not unnecessarily be interfered with than that every fool in the country should be protected from the consequences of his own folly.

Therefore, I think you must deal with the ordinary man and woman who would take ordinary care in purchasing what goods they require, and, if desiring a particular brand, would take ordinary precautions to see that they get it";

Din il-Qorti taqbel ukoll ma' dik ta' l-ewwel istanza, li ma giex pruvat b'mod soddisfacenti li nies tal-ħwienet u konsumaturi ġew imqarrqin bix-xebh taż-żewġ tikketti;

Għar-raġunijiet fuq migjuba u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti, li huma adottati;

Tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-atturi appellanti.

---